



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12266/1/18
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0902(NLE)

FREMP 146
JAI 894
POLGEN 154
AG 22

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Il-Parlament Ewropew iffirmata mis-Sinjura Ellen ROBSON, Direttur għall-Atti Leġislattivi
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-istat tad-dritt mill-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni.



TESTI ADOTTATI

Edizzjoni proviżorja

P8_TA-PROV(2018)0340

Is-sitwazzjoni fl-Ungerija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni (2017/2131(INL))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7(1) tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Protokoll tagħha,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra t-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa, bħalma huma l-Karta Soċjali Ewropea u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Mejju 2017 dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2015² u tal-10 ta' Ġunju 2015³ dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali: standards u prattiki fl-Ungerija (skont ir-riżoluzzjoni tal-

¹ Testi adottati, P8_TA(2017)0216.

² ĠU C 399, 24.11.2017, p. 127.

³ ĠU C 407, 4.11.2016, p. 46.

Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012)¹,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar l-iżviluppi politiċi reċenti fl-Ungerija² u tal-10 ta' Marzu 2011 dwar il-liġi tal-media fl-Ungerija³,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali⁴,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-20 ta' April 2004 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea: Ir-rispett u l-promozzjoni tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni⁵,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-15 ta' Ottubru 2003 mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea - Ir-rispett u l-promozzjoni tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni⁶,
 - wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 45, 52 u 83 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0250/2018),
- A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu lil minoranzi, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u kif rifless fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u inkorporati fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u billi daww il-valuri, li huma komuni għall-Istati Membri u li għalihom l-Istati Membri kollha ssottoskrivew liberament, jikkostitwixxu l-pedament tad-drittijiet li jgawdu daww li jgħixu fl-Unjoni;
- B. billi kwalunkwe riskju ċar ta' ksur serju min-naħa ta' Stat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE ma jikkonċernax biss lill-Istat Membru individwali fejn jimmaterjalizza r-riskju iżda għandu impatt fuq l-Istati Membri l-oħra, fuq il-fiduċja reċiproka ta' bejniethom, u fuq in-natura proprja tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni;
- C. Billi, kif indikat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea mhuwiex limitat għall-obbligi taħt it-Trattati, bħal fl-Artikolu 258 tat-Trattat

¹ ĠU C 75, 26.2.2016, p. 52.

² ĠU C 249 E, 30.8.2013, p. 27.

³ ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 154.

⁴ ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.

⁵ ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 408.

⁶ COM(2003)0606.

dwar l-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u billi l-Unjoni tista' tivvaluta l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri komuni f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri;

- D. billi l-Artikolu 7(1) tat-TUE jikkostitwixxi fażi preventiva li tagħti lill-Unjoni l-kapaċità li tintervjeni fil-każ ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri komuni; billi azzjoni preventiva tali tipprevedi djalogu mal-Istat Membru kkonċernat u għandha l-għan li tevita s-sanzjonijiet possibbli;
- E. billi, filwaqt li l-awtoritajiet Ungeriżi kienu konsistentement lesti li jiddiskutu l-legalità ta' kwalunkwe miżura speċifika, is-sitwazzjoni ma ġietx indirizzata u għad hemm ħafna tħassib. Dan għandu impatt negattiv fuq l-immaġni tal-Unjoni, kif ukoll l-effikaċja u l-kredibilità tagħha fid-difiża tad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija globalment, u juri l-ħtieġa li dan it-tħassib jiġi indirizzat permezz ta' azzjoni miftiehma tal-Unjoni;
1. Jiddikjara li t-tħassib tal-Parlament jirrigwarda l-kwistjonijiet li ġejjin:
- il-funzjonament tas-sistema kostituzzjonali u elettorali;
 - l-indipendenza tal-ġudikatura u ta' istituzzjonijiet oħra u d-drittijiet tal-imħallfin;
 - il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess;
 - il-privatezza u l-protezzjoni tad-data;
 - il-libertà tal-espressjoni;
 - il-libertà akkademika;
 - il-libertà tar-reliġjon;
 - il-libertà ta' assoċjazzjoni;
 - id-dritt għal trattament ugwali;
 - id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom u l-Lhud, u l-protezzjoni kontra dikjarazzjonijiet ta' mibegħda kontra minoranzi tali;
 - id-drittijiet fundamentali tal-migranti, il-persuni li jfittxu asil u r-rifuġjati;
 - id-drittijiet ekonomiċi u soċjali.
2. Jemmen li l-fatti u x-xejriet imsemmija fl-Anness għal din ir-risoluzzjoni meħuda flimkien jirrappreżentaw theddida sistemika kontra l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE u jikkostitwixxu riskju ċar ta' ksur serju tagħhom;
3. Jinnota l-eżitu tal-elezzjonijiet parlamentari fl-Ungerija, li saru fit-8 ta' April 2018; jenfasizza l-fatt li kwalunkwe gvern Ungeriż huwa responsabbli għall-eliminazzjoni tar-riskju ta' ksur serju tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE, anki jekk dan ir-riskju huwa konsegwenza dejjiema tad-deċiżjonijiet tal-politika ssuġġeriti jew approvati minn gvernijiet preċedenti;

- 4 Jippreżenta, għalhekk, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, il-proposta motivata annessa lill-Kunsill, filwaqt li jistieden lill-Kunsill biex jiddetermina jekk hemmx riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri msemija fl-Artikolu 2 tat-TUE u biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Ungerija f'dan ir-rigward;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-proposta motivata għal deċiżjoni tal-Kunsill annessa hawnhekk, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

ANNESS GĦAL RIŻOLUZZJONI

Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill

li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħu,
Wara li kkunsidra l-proposta motivata mill-Parlament Ewropew,
Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri msemija fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li huma komuni għall-Istati Membri u li jinkludu r-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Skont l-Artikolu 49 tat-TUE, l-adeżjoni mal-Unjoni tirrikjedi r-rispett u l-promozzjoni tal-valuri msemija fl-Artikolu 2 tat-TUE.
- (2) L-adeżjoni tal-Ungerija kienet att volontarju bbażat fuq deċiżjoni sovrana, b'kunsens wiesa' fl-ispettru politiku kollu tal-Ungerija.
- (3) Fil-proposta motivata tiegħu, il-Parlament Ewropew ippreżenta t-tħassib tiegħu rigward is-sitwazzjoni fl-Ungerija. B'mod partikolari, it-tħassib prinċipali jirrigwarda l-funzjonament tas-sistema kostituzzjonali u elettoral, l-indipendenza tal-ġudikatura u ta' istituzzjonijiet oħra, id-drittijiet tal-imħallfin, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà akkademika, il-libertà tar-reliġjon, il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt għal trattament ugwali, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom u l-Lhud, u l-protezzjoni kontra dikjarazzjonijiet ta' mibegħda kontra minoranzi tali, id-drittijiet fundamentali tal-migranti, ta' dawk li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati, u d-drittijiet ekonomiċi u soċjali.
- (4) Il-Parlament Ewropew innota wkoll li l-awtoritajiet Ungeriżi kienu lesti konsistentement li jiddiskutu l-legalità ta' kwalunkwe miżura iżda naqsu milli jieħdu l-azzjonijiet kollha rakkomandati fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu.
- (5) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Mejju 2017 dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija, il-Parlament Ewropew iddikjara li s-sitwazzjoni attwali fl-Ungerija tirrappreżenta riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri msemija fl-Artikolu 2 tat-TUE u tiġġustifika li tinbeda l-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE.
- (6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2003 dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni enumerat bosta sorsi ta' informazzjoni li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi mmonitorjat ir-rispett u l-promozzjoni tal-valuri komuni, bħar-rapporti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, rapporti ta' NGOs u d-deċiżjonijiet tal-grati reġjonali u internazzjonali. Firxa wiesgħa ta' atturi fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali esprimew it-tħassib serju tagħhom dwar is-sitwazzjoni tad-demokrazija,

l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Ungerija, inklużi l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), in-Nazzjonijiet Uniti (NU), kif ukoll diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iżda dawn għandhom jitqiesu bħala opinjonijiet li mhumiex vinkolanti legalment, peress li hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tista' tinterpreta d-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

Il-funzjonament tas-sistema kostituzzjonali u elettorali

- (7) Il-Kummissjoni ta' Venezja esprimiet it-tħassib tagħha dwar il-proċess tat-tfassil tal-kostituzzjoni fl-Ungerija f'bosta okkażjonijiet, kemm fir-rigward tal-Liġi Fundamentali kif ukoll fir-rigward tal-emendi għaliha. Il-Kummissjoni ta' Venezja laqgħet il-fatt li l-Liġi Fundamentali tistabbilixxi ordni kostituzzjonali bbażat fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali bħala prinċipji sottostanti, u rrikonoxxiet l-isforzi biex jiġi stabbilit ordni kostituzzjonali konformi mal-valuri u l-istandards demokratiċi Ewropej komuni u biex id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jiġu regolati f'konformità ma' strumenti internazzjonali vinkolanti. Il-kritika ffukat fuq in-nuqqas ta' trasparenza tal-proċess, l-involvement inadegwat tas-soċjetà ċivili, in-nuqqas ta' konsultazzjoni sinċiera, l-ipperikolar tas-separazzjoni tas-setgħat u l-fatt li s-sistema nazzjonali ta' kontrokontrolli kienet iddgħajfet.
- (8) Il-kompetenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Ungeriża kienu ristretti bħala riżultat tar-riforma kostituzzjonali, fosthom fir-rigward ta' kwistjonijiet baġitarji, l-abolizzjoni tal-*actio popularis*, il-possibiltà għall-Qorti li tirreferi għall-ġurisprudenza tagħha ta' qabel l-1 ta' Jannar 2012 u l-limitazzjoni fuq il-kapaċità tal-Qorti li tagħmel rieżami tal-kostituzzjonalità ta' kwalunkwe tibdil għal-Liġi Fundamentali bl-eċċezzjoni ta' tibdil ta' natura proċedurali. Il-Kummissjoni ta' Venezja esprimiet tħassib serju dwar dawk il-limitazzjonijiet u dwar il-proċedura għall-ħatra tal-imħallfin, u għamlet rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet Ungeriżi biex ikunu żgurati l-kontrokontrolli neċessarji fl-Opinjoni tagħha dwar l-Att CLI tal-2011 dwar il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija adottata fid-19 ta' Ġunju 2012 u fl-Opinjoni tagħha dwar ir-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija adottata fis-17 ta' Ġunju 2013. Fl-opinjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ta' Venezja identifika ukoll għadd ta' elementi pożittivi fir-riformi, bħad-dispożizzjonijiet dwar il-garanziji baġitarji, id-deċiżjoni kontra l-elezzjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-għoti tad-dritt lill-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali li jibda proċedimenti għal rieżami *ex post*.
- (9) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-proċedura attwali tal-ilmenti kostituzzjonali tippermetti aċċess aktar limitat għall-Qorti Kostituzzjonali, ma tippredix limitu ta' żmien għall-eżerċizzju ta' rieżami kostituzzjonali u m'għandhiex effett suspensiv fuq leġislazzjoni kkontestata. Semma wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Qorti Kostituzzjonali l-ġdid idgħajfu s-sigurtà taż-żamma tal-imħallfin fil-kariga u jżidu l-influwenza tal-gvern fuq il-kompożizzjoni u l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali billi jibdlu l-proċedura għall-ħatriet tal-ġudikatura, l-għadd ta' imħallfin fil-Qorti u l-età tal-irtirar tagħhom. Il-Kumitat kien imħasseb ukoll dwar il-limitazzjoni tal-kompetenza u tas-setgħat tal-Qorti Kostituzzjonali biex jagħmlu rieżami ta' leġislazzjoni li tolgot kwistjonijiet baġitarji.
- (10) Fir-rapport tagħha adottat fis-27 ta' Ġunju 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni tal-elezzjoni mwettqa mill-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem qalet li l-amministrazzjoni teknika tal-elezzjonijiet kienet

professjonali u trasparenti, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ġew rispettati b'mod ġenerali, iżda ġew eżerċitati fi klima negattiva. L-amministrazzjoni tal-elezzjoni wettqet il-mandat tagħha b'mod professjonali u trasparenti, gawdiet fiduċja ġenerali fost il-partijiet ikkonċernati u b'mod ġenerali tqies li kienet imparzjali. Il-kampanja kienet animata iżda r-retorika ostili u intimidanti tal-kampanja llimitat l-ispazju għal dibattitu sustantiv u naqqset il-ħila tal-votanti li jagħmlu għażla infurmata. Il-finanzjament tal-kampanji pubbliċi u l-limiti massimi tan-nefqa kellhom l-għan li jiżguraw opportunitajiet indaqs għall-kandidati kollha. Madankollu, il-ħila tal-kandidati li jikkompetu fuq bażi ugwali kienet kompromessa b'mod sinifikanti mill-infiq eċċessiv tal-gvern fuq riklami ta' informazzjoni pubbliċi li amplifikaw il-messaġġ tal-kampanja tal-koalizzjoni fil-gvern. Minħabba li mhemmx rekwiżiti ta' rappurtar għajr għal wara l-elezzjonijiet, il-votanti fil-verità kienu mċaħħda mill-informazzjoni dwar il-finanzjament tal-kampanja, li hija kruċjali biex issir għażla infurmata. Il-missjoni esprimiet ukoll tħassib dwar id-delinjazzjoni ta' kostitwenzi b'membri wieħed. Tħassib simili ġie espress fl-Opinjoni Konġunta tat-18 ta' Ġunju 2012 rigward l-Att dwar l-Elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament tal-Ungerija adottata mill-Kummissjoni ta' Venezja u l-Kunsill għal Elezzjonijiet Demokratiċi, **li fiha** ntqal li d-delimitazzjoni tal-kostitwenzi jrid isir b'mod trasparenti u professjonali permezz ta' proċess imparzjali u mhux partiġġjan, jiġifieri billi jiġu evitati objettivi politiċi għal żmien qasir.

- (11) Fis-snin reċenti, il-Gvern Ungeriż uża l-konsultazzjonijiet nazzjonali b'mod estensiv, u espanda d-demokrazija diretta fil-livell nazzjonali. Fis-27 ta' April 2017, il-Kummissjoni indikat li l-konsultazzjoni nazzjonali "Let's stop Brussels" kien fiha bosta dikjarazzjonijiet u allegazzjonijiet li kienu fattwalment żbaljati jew qarrieqa ħafna. Il-Gvern Ungeriż wettaq ukoll konsultazzjonijiet intitolati "Il-migrazzjoni u t-terroriżmu" f'Mejju 2015, u kontra l-hekk imsejjaħ "Pjan Soros", f'Ottubru 2017. Dawn il-konsultazzjonijiet ħolqu paralleli bejn it-terroriżmu u l-migrazzjoni, u b'hekk wasslu għal mibegħda lejn il-migranti u kienu mmirati b'mod partikolari kontra l-Unjoni u kontra l-persuna ta' George Soros.

L-indipendenza tal-ġudikatura u ta' istituzzjonijiet oħra u d-drittijiet tal-imħallfin

- (12) Bħala riżultat tat-tibdiliet estensivi fil-qafas legali ppromulgat fl-2011, ingħataw setgħat estensivi lill-president tal-Uffiċċju Ġudizzjarju Nazzjonali, li kien għadu kemm ġie stabbilit. Il-Kummissjoni ta' Venezja kkritikat daww is-setgħat estensivi fl-Opinjoni tagħha, adottata fid-19 ta' Marzu 2012, dwar l-Att CLXII tal-2011 dwar l-Istatus Legali u r-Remunerazzjoni tal-Imħallfin u l-Att CLXI tal-2011 dwar l-Organizzazzjoni u l-Amministrazzjoni tal-Qrati tal-Ungerija, u fl-Opinjoni tagħha dwar l-Atti Kardinali dwar il-Ġudikatura, adottata fil-15 ta' Ottubru 2012. Fid-29 ta' Frar 2012 u fit-3 ta' Lulju 2013 tqajjem tħassib simili mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u tal-avukati, kif ukoll mill-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015. Daww l-atturi kollha enfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-korp kollettiv, il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali (NJC), bħala istanza ta' sorveljanza, għaliex il-president tal-NJO, li jiġi elett mill-Parlament Ungeriż, ma jistax jittqies bħala organu ta' awtogovernanza ġudizzjarja. Wara r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali, l-istatus tal-president tal-NJO inbidel u s-setgħat tal-president ġew ristretti sabiex jiżguraw bilanċ aħjar bejn il-president u l-NJC.
- (13) L-Ungerija ilha mill-2012 tiegħu passi pożittivi biex tittrasferixxi ċerti funzjonijiet mill-president tal-NJO għall-NJC infisha, sabiex toħloq bilanċ aħjar bejn dawn iż-żewġ organi. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal aktar progress. Il-GRECO, fir-rapport

tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, talab għall-minimizzazzjoni tar-riskji potenzjali ta' deċiżjonijiet diskrezzjonarji min-naħa tal-president tal-NJO. Il-president tal-NJO jista', fost l-oħrajn, jittrasferixxi u jassenja l-imħallfin, u għandu rwol fid-dixxiplina ġudizzjarja. Barra minn hekk, il-president tal-NJO jagħmel rakkomandazzjoni lill-President tal-Ungerija dwar il-ħatra u t-tneħħija tal-kapijiet ta' tal-qrati, inklużi l-presidenti u l-viċi presidenti tal-Qorti tal-Appell. Il-GRECO laqa' l-Kodiċi ta' Etika għall-Imħallfin li ġie adottat reċentement, iżda jqis li dan jista' jsir aktar espliċitu u jkun akkumpanjat minn taħriġ waqt is-servizz. Ir-rapport GRECO rrikonoxxa wkoll l-emendi li saru fir-regoli dwar ir-reklutaġġ ġudizzjarju u l-proċeduri tal-għażla bejn l-2012 u l-2014 fl-Ungerija, li permezz tagħhom l-NJC inġhata funzjoni superviżorja aktar b'saħħitha fil-proċess ta' selezzjoni; Fit-2 ta' Mejju 2018, l-NJC organizza sessjoni li fiha adotta b'mod unanimu deċiżjonijiet dwar il-prattika tal-president tal-NJO li jiċħad sejħiet għal applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet ġudizzjarji u pożizzjonijiet għolja. Id-deċiżjonijiet sabu li l-prattika tal-president kienet illegali.

- (14) Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Gvern Ungeriż ippreżenta abbozz tas-Seba' Emenda għal-Liġi Fundamentali (T/332), li ġie adottat fl-20 ta' Ġunju 2018. L-emenda introduċiet sistema ġdida ta' qrati amministrattivi.
- (15) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") tas-6 ta' Novembru 2012 fil-Kawża C-286/12, *il-Kummissjoni vs l-Ungerija*¹, li ddeċidiet li meta adottat skema nazzjonali li tirrikjedi l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin, prosekuturi u nutara meta jagħlqu 62 sena, l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att XX tal-2013 li ppreveda li l-età tal-irtirar ġudizzjarja kellha tonqos gradwalment għal 65 sena fuq perjodu ta' għaxar snin u stabbilixxa l-kriterji għal ingaġġ mill-ġdid jew kumpens. Skont l-Att, kien hemm possibiltà għall-imħallfin irtirati li jirritornaw fil-karigi li okkupaw fl-istess qorti bl-istess kundizzjonijiet li kien hemm qabel ma ħarġu r-regolamenti dwar l-irtirar, jew jekk ma xtaqux jirritornaw, kellhom jirċievu somma ta' 12-il xahar bħala kumpens għar-remunerazzjoni mitlufa u setgħu japplikaw quddiem il-qorti għal kumpens ulterjuri, iżda d-dħul lura f'karigi amministrattivi ewlenin ma kinitx garantita. Madankollu, il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-miżuri tal-Ungerija biex tagħmel il-liġi tal-irtirar tagħha kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Fir-rapport tiegħu ta' Ottubru 2015, l-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kamra tal-Avukati Internazzjonali ddikjara li l-maġġoranza tal-imħallfin imneħħija ma marrux lura għall-karigi oriġinali tagħhom, parzjalment għax il-pożizzjonijiet preċedenti tagħhom kienu ġew okkupati diġà. L-Istitut qal ukoll li l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura Ungeriża ma jistgħux ikunu garantiti u li l-istat tad-dritt għadu mdgħajfef.
- (16) Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2015, *Gaszó vs l-Ungerija*, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt ta' proċess ġust u tad-dritt għal rimedju effettiv. Il-QEDB waslet għall-konklużjoni li l-ksur oriġina fi Prattika li permezz tagħha l-Ungerija naqset b'mod rikorrenti li tiżgura li l-proċedimenti li jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi ċivili jitlestew fi żmien raġonevoli u li tiegħu miżuri li jippermettu lill-applikanti jitolbu rimedju għal proċedimenti ċivili eċċessivament twal fuq livell domestiku. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendent. Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ġdid, adottat fl-2016, jipprevedi l-aċċelerazzjoni tal-proċedimenti ċivili bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' fażi doppja. L-Ungerija

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Novembru 2012, *Il-Kummissjoni vs l-Ungerija*, C-286/12, ECLI:EU:C:2012:687.

infurmat lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa li l-liġi l-ġdida li toħloq rimedju effettiv għal proċeduri estiżi se tiġi adottata sa Ottubru 2018.

- (17) Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju 2016, *Baka vs l-Ungerija*, il-QEDB iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt tal-aċċess għal qorti u tal-libertà tal-espressjoni ta' András Baka, li kien ġie elett bħala President tal-Qorti Suprema għal terminu ta' sitt snin f'Ġunju 2009, iżda waqaf jekkupa din il-kariga skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji fil-Liġi Fundamentali, li jipprevedu li l-Curia kellha tkun is-suċċessur legali għall-Qorti Suprema. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendent. Fl-10 ta' Marzu 2017, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa talab li jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni ta' aktar tneħħijiet prematuri ta' mħallfin għal raġunijiet simili, biex b'hekk ikun hemm salvagwardja kontra kwalunkwe abbuż f'dan ir-rigward. Il-Gvern Ungeriż innota li dawk il-miżuri mhumix relatati mal-implimentazzjoni tas-sentenza.
- (18) Fid-29 ta' Settembru 2008, is-Sur András Jóri inħatar Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data għal perjodu ta' sitt snin. Madankollu, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, il-Parlament Ungeriż iddeċieda li jirrifirma s-sistema tal-protezzjoni tad-data u jissostitwixxi lill-Kummissarju b'awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-libertà tal-informazzjoni. Is-Sur Jóri kellu jħalli l-kariga qabel kien skada t-terminu sħiħ tiegħu. Fit-8 ta' April 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji neċessarjament tinkludi l-obbligu li jitħallew iservu l-mandat sħiħ tagħhom u li l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. L-Ungerija emendat ir-regoli dwar il-ħatra tal-Kummissarju, ippreżentat apoloġija u ħallset is-somma tal-kumpens miftiehma.
- (19) Il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat bosta nuqqasijiet fl-Opinjoni tagħha dwar l-Att CLXIII tal-2011 dwar is-Servizz ta' Prosekuzzjoni u l-Att CLXIV tal-2011 dwar l-Istatus tal-Prosekutur Ġenerali, il-Prosekuturi u Impjegati oħra tal-Prosekuzzjoni u l-Karriera tal-Prosekuzzjoni fl-Ungerija, adottata fid-19 ta' Ġunju 2012. Fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jieħdu passi addizzjonali biex jevitaw l-abbuż u jżidu l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni billi, fost l-oħrajn, ineħħu l-possibilità li l-Prosekutur Ġenerali jiġi elett mill-ġdid. Barra minn hekk, il-GRECO talab biex il-proċedimenti dixxiplinari kontra prosekuturi ordinarji jsiru aktar trasparenti u biex id-deċiżjonijiet biex kawża titmexxa mingħand prosekutur wieħed għal għand ieħor ikunu ggwidati minn kriterji u ġustifikazzjonijiet legali stretti. Skont il-Gvern Ungeriż, ir-Rapport ta' Konformità tal-GRECO tal-2017 irrikonoxxa l-progress li sar mill-Ungerija fir-rigward tal-prosekuturi (il-pubblikazzjoni għadha mhix awtorizzata mill-awtoritajiet Ungeriżi, minkejja l-appelli mil-Laqgħat Plenari tal-GRECO). It-Tieni Rapport ta' Konformità għadu pendent.

Il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess

- (20) Fir-rapport tiegħu adottat fis-27 ta' Marzu 2015, il-GRECO talab li jiġu stabbiliti kodiċijiet ta' kondotta għall-membri tal-Parlament Ungeriż (MP) dwar gwida f'każijiet ta' kunflitti ta' interess. Barra minn hekk, il-MP għandhom ikollhom l-obbligu jirrapportaw kunflitti ta' interess li jinqalgħu b'mod *ad hoc*, u dan għandu jkun

¹ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

akkumpanjat b'obbligu aktar robust li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet tal-assi. Dan għandu jkun ukoll akkumpanjat b'dispożizzjonijiet li jippermettu sanzjonijiet għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-assi mhux preċiżi. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-assi għandha tiġi ppubblikata online għal sorveljanza popolari vera. Għandha tiġi stabbilita bażi ta' data elettronika standard biex ikun possibbli li d-dikjarazzjonijiet u l-modifiki kollha tagħhom ikunu aċċessibbli b'mod trasparenti.

- (21) Fir-rapport tagħha adottat fis-27 ta' Ġunju 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li l-monitoraġġ limitat tal-infiq fuq il-kampanji u n-nuqqas ta' rapportar bir-reqqa dwar is-sorsi tal-fondi tal-kampanji sa wara l-elezzjonijiet jimminaw it-trasparenza tal-finanzjament tal-kampanji u l-kapaċità tal-votanti li jagħmlu għażla informata, kuntrarjament għall-obbligi internazzjonali u l-prattika tajba. Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ tagħżel mekkaniżmu ta' monitoraġġ u verifika *ex post*. L-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat għandu l-kompetenza li jimmonitorja u jivverifika jekk ir-rekwiżiti legali jkunux ġew issodisfati. Ir-rapport ma kienx jinkludir-rapport ta' awditjar uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat dwar l-elezzjonijiet parlamentari tal-2018, għax sa dak iż-żmien kien għadu ma ġiex ippubblikat.
- (22) Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ (OGP) irċieva ittra mingħand il-Gvern Ungeriż li fiha ħabbar l-irtirar immedjat tiegħu mis-sħubija, li tiġbor fiha, b'mod volontarju, 75 pajjiż u mijiet ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Gvern tal-Ungerija kien ilu minn Lulju 2015 jiġi analizzat mill-OGP minħabba tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari rigward l-ispazju tagħhom biex joperaw fil-pajjiż. L-Istati Membri tal-UE mhux kollha huma membri tal-OGP.
- (23) L-Ungerija tibbenefika minn finanzjament tal-Unjoni li jammonta għal 4,4 % tal-PDG tagħha jew aktar minn nofs l-investment pubbliku. Is-sehem tal-kuntratti mogħtija wara proċeduri ta' akkwist pubbliku li rċewew offerta waħda biss għadu għoli, b'perċentwal ta' 36 % fl-2016. L-Ungerija għandha l-ogħla perċentwal fl-Unjoni ta' rakkomandazzjonijiet finanzjarji mill-OLAF rigward il-Fondi Strutturali u l-Agrikoltura għall-perjodu 2013-2017. Fl-2016, l-OLAF ikkonkluda investigazzjoni dwar proġett tat-trasport ta' EUR 1,7 biljun fl-Ungerija, li fih l-atturi ewlenin kienu bosta kumpaniji internazzjonali speċjalizzati tal-konstruzzjoni. L-investigazzjoni żvelat irregolaritajiet serji ħafna, kif ukoll il-possibilità ta' frodi u korruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Fl-2017, l-OLAF sab "irregolaritajiet serji" u "kunflitti ta' interess" matul l-investigazzjoni tiegħu f'35 kuntratti ta' dwal tat-toroq mogħtija lill-kumpanija li dak iż-żmien kienet ikkontrollata mir-raġel ta' bint il-Prim Ministru Ungeriż. L-OLAF baġhat ir-rapport finali tiegħu b'rakkomandazzjonijiet finanzjarji lid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni li tirkupra EUR 43,7 miljun u rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji lill-Prosekutur Ġenerali tal-Ungerija. Investigazzjoni transfruntiera konkluda mill-OLAF fl-2017 kienet tinvolvi allegazzjonijiet relatati mal-potenzjal ta' użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni f'31 proġett ta' Riċerka u Żvilupp. L-investigazzjoni, li saret fl-Ungerija, il-Latvja u s-Serbja, skopriet skema ta' subkuntrattar użata biex iżżid l-ispejjeż tal-proġett b'mod artifiċjali u taħbi l-fatt li l-fornituri aħħara kienu kumpaniji marbuta ma' xulxin. L-OLAF għalhekk ikkonkluda l-investigazzjoni b'rakkomandazzjoni finanzjarja lill-Kummissjoni biex tirkupra EUR 28,3 miljun u rakkomandazzjoni ġudizzjarja lill-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi. L-Ungerija ddeċidiet li ma tipparteċipax fit-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-

awturi u tal-kompliċi f'reati kriminali li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

- (24) Skont is-Seba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali, l-effikaċja governattiva fl-Ungerija naqset mill-1996, u l-Ungerija hija wieħed mill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' effikaċja governattiva fl-Unjoni. Ir-reġjuni kollha tal-Ungerija huma ferm taħt il-medja tal-Unjoni f'termini ta' kwalità governattiva. Skont ir-Rapport kontra l-Korruzzjoni ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2014, il-korruzzjoni hija meqjusa li hi mifruxa (89 %) fl-Ungerija. Skont ir-Rapport dwar il-Kompetittività Globali 2017-2018 ippubblikat mill-Forum Ekonomiku Dinji, il-livell għoli ta' korruzzjoni kien wieħed mill-aktar fatturi problematiċi għan-negozju fl-Ungerija.

Il-privatezza u l-protezzjoni tad-data

- (25) Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2016, *Szabó u Vissy vs l-Ungerija*, il-QEDB sabet li d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata nkiser minħabba l-garanziji legali insuffiċjenti kontra l-possibilità ta' sorveljanza sigrieta illegali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, inkluż b'rabta mal-użu tat-telekomunikazzjonijiet. L-applikanti ma allegawx li kienu suġġetti għal xi miżura ta' sorveljanza sigrieta, u għalhekk deher li ma kinux meħtieġa miżuri individwali oħra. L-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti hija meħtieġa bħala miżura ġenerali. Il-proposti għal emenda tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurtà Nazzjonali qed jiġu diskussi attwalment mill-esperti tal-ministeri kompetenti tal-Ungerija. L-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza għadha, għalhekk, pendenti.
- (26) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-qafas legali tal-Ungerija dwar is-sorveljanza sigrieta għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali jippermetti l-interċettazzjoni tal-massa ta' komunikazzjonijiet u ma fihx biżżejjed salvagwardji kontra l-interferenza arbitrarija fid-dritt għall-privatezza. Kien imħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw rimedji effettivi f'każijiet ta' abbuż, u notifika lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jiġi pperikolat l-iskop tar-restrizzjoni, wara t-terminazzjoni tal-miżura ta' sorveljanza.

Il-libertà tal-espressjoni

- (27) Fit-22 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar il-Leġiżlazzjoni tal-Media (l-Att CLXXXV dwar is-Servizzi tal-Media u dwar il-Media tal-Massa, l-Att CIV dwar il-Libertà tal-Istampa, u l-Leġiżlazzjoni dwar it-Tassazzjoni tad-Dħul mir-Reklamar tal-Media tal-Massa) tal-Ungerija li talbet li jsiru diversi tibdiliet fl-Att dwar l-Istampa u fl-Att dwar il-Media, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kontenut illegali tal-media", l-iżvelar ta' sorsi ġurnalistiċi u s-sanzjonijiet fuq l-entitajiet tal-media. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Media fi Frar 2011, mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem preċedenti tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni tal-media Ungeriża fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-media tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni tal-media Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Fl-istqarrija tiegħu tad-29 ta' Jannar 2013, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa laqa' l-fatt li d-diskussjonijiet fil-qasam tal-media wasslu għal diversi bidliet importanti. Madankollu, it-tħassib pendenti ġie mtenni wkoll mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport ta' wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. Il-

Kummissarju semma wkoll il-kwistjonijiet tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-media u tal-awtoċensura u indika li l-qafas legali li jikkriminalizza d-diffamazzjoni għandu jiġi revokat.

- (28) Fl-Opinjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar il-Leġiżlazzjoni tal-Media, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonossiet l-isforzi tal-gvern Ungeriż, matul is-snin, biex itejjeb it-test oriġinali tal-Atti dwar il-Media, f'konformità mal-kummenti minn diversi osservaturi inkluż il-Kunsill tal-Ewropa, u nnotat b'mod pożittiv ir-rieda tal-awtoritajiet Ungeriżi li jkomplu d-djalogu. Madankollu, il-Kummissjoni ta' Venezja insistiet dwar il-ħtieġa li jinbidlu r-regoli li jirregolaw l-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill tal-Media biex tiġi żgurata rappreżentazzjoni ġusta ta' gruppi politiċi u gruppi oħra soċjalment sinifikanti u li l-metodu tal-ħatra u l-pożizzjoni tal-President tal-Kunsill tal-Media jew tal-President tal-Awtorità tal-Media għandhom jiġu rieżaminati sabiex tonqos il-konċentrazzjoni tas-setgħat u tiġi żgurata n-newtralità politika; il-Bord tat-Trustees ukoll għandu jiġi riformat fuq dawk il-linji. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat ukoll id-deċentralizzazzjoni tal-governanza tal-fornituri tal-media tas-servizz pubbliku u li l-Aġenzija Nazzjonali tal-Aħbarijiet ma tkunx il-fornitur esklużiv tal-aħbarijiet għall-fornituri tal-media tas-servizz pubbliku. Tħassib simili kien ġie espress fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Media fi Frar 2011, mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem preċedenti tal-Kunsill tal-Ewropa fl-opinjoni tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni tal-media Ungeriża fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-media tal-25 ta' Frar 2011, kif ukoll mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni tal-media Ungeriża fl-għarfien espert tagħhom tal-11 ta' Mejju 2012. Fl-istqarrija tiegħu tad-29 ta' Jannar 2013, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa laqa' l-fatt li d-diskussjonijiet fil-qasam tal-media wasslu għal diversi bidliet importanti. Madankollu, it-tħassib pendent ġie mtenni wkoll mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport ta' wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014.
- (29) Fit-18 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CXII tal-2011 dwar il-Privatezza tal-Infurmazzjoni u dwar il-Libertà tal-Infurmazzjoni tal-Ungerija. Minkejja l-valutazzjoni pożittiva ġenerali, il-Kummissjoni ta' Venezja identifikat il-ħtieġa għal aktar titjib. Madankollu, wara emendi sussegwenti għal dik il-liġi, id-dritt tal-aċċess għal infurmazzjoni governattiva ġie ristrett aktar, b'mod sinifikanti. Dawk l-emendi ġew ikkritikati fl-analiżi kkummissjonata mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Media f'Marzu 2016. L-analiżi indikat li l-ammonti li għandhom jitħallsu għall-ispejjeż diretti jidhru li huma kompletament raġonevoli, iżda l-ħlas għall-ħin tal-uffiċjali pubbliċi biex iwieġbu t-talbiet huwa inaċċettabbli. Kif ġie rikonossut mir-rapport tal-pajjiż tal-2018 tal-Kummissjoni, il-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data u l-qrati, inkluża l-Qorti Kostituzzjonali, ħadu pożizzjoni progressiva f'każijiet relatati mat-trasparenza.
- (30) Fir-rapport tagħha adottat fis-27 ta' Ġunju 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem li segwiet l-elezzjonijiet parlamentari Ungeriżi tal-2018 ikkonkludiet li l-aċċess għall-infurmazzjoni kif ukoll il-libertajiet tal-media u ta' assoċjazzjoni ġew ristretti, inkluż permezz ta' tibdiliet legali reċenti u li l-kopertura tal-media tal-kampanja kienet estensiva, iżda polarizzata ferm u nieqsa mill-analiżi kritika minħabba l-politiċizzazzjoni tas-sjieda tal-media u l-influss tal-kampanji ta' pubbliċità tal-gvern. Ix-xandâr pubbliku wettaq il-mandat tiegħu li jipprovi ħin ta' xandir b'xejn lill-kandidati, iżda l-aħbarijiet u l-kontributi editorjali tiegħu ffavorew b'mod ċar lill-koalizzjoni fil-

gvern, kuntrarjament għall-istandards internazzjonali. Ħafna mix-xandara kummerċjali kienu partiġġjani fix-xandir tagħhom, u żammew jew mal-partit fil-gvern jew inkella ma' daww tal-oppożizzjoni. Il-media online pprovdiet pjattaforma għal dibattitu politiku pluralistiku u orjentat fuq il-kwistjonijiet. Innotat ukoll li l-politiċizzazzjoni tas-sjieda, flimkien ma' qafas legali restrittiv u l-assenza ta' korpi regolatorji indipendenti tal-media, kellhom effett negattiv fuq il-libertà editorjali, u dan fixxkel l-aċċess tal-votanti għall-informazzjoni pluralistika. Semmiet ukoll li l-emendi introduċew restrizzjonijiet indebiti fuq l-aċċess għal informazzjoni billi wessgħu d-definizzjoni ta' informazzjoni mhux suġġetta għal żvelar u billi żiedu t-tariffa għat-trattament ta' talbiet għal informazzjoni.

- (31) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-liġijiet u l-prattiki tal-media Ungeriżi li jillimitaw il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. Il-Kumitat kien imħasseb li, wara tibdiliet suċċessivi fil-liġi, il-qafas leġislativ attwali ma jżgurax għalkollox stampa mhux iċċensurata u mhux imfixkla. Innota bi tħassib li l-Kunsill tal-Media u l-Awtorità tal-Media m'għandhomx indipendenza biżżejjed biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom u għandhom setgħat regolatorji u ta' sanzjonar wiesgħa żżejjed.
- (32) Fit-13 ta' April 2018, ir-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Media kkundanna b'mod qawwi l-pubblikazzjoni ta' lista ta' aktar minn 200 persuna minn entità tal-media Ungeriża li ddikjarat li aktar minn 2 000 persuna, fosthom daww elenkati, allegatament kienu qed jaħdmu biex "iwaqqgħu l-gvern". Il-lista ġiet ippubblikata mir-rivista Ungeriża Figyelő fil-11 ta' April, u tinkludi ħafna ġurnalisti u ċittadini oħra. Fis-7 ta' Mejju 2018, ir-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-media esprima tħassib kbir dwar iċ-ċaħda ta' akkreditament lil diversi ġurnalisti indipendenti, li waqqfithom milli jirrapportaw mil-laqgħa inawgurati tal-parlament il-ġdid tal-Ungerija. Ġie nnotat ukoll li avveniment bħal dan m'għandux jintuża bħala għodda biex jitrażżan il-kontenut tar-rapportar kritiku u li din il-prattika tistabbilixxi preċedent ħażin għall-mandat il-ġdid tal-parlament Ungeriż.

Il-libertà akkademika

- (33) Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att XXV tal-4 ta' April 2017 dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali. Hija kkonkludiet li l-introduzzjoni ta' regoli aktar stretti mingħajr raġunijiet b'saħħithom ħafna, flimkien ma' skadenzi stretti u konsegwenzi legali serji, għal universitajiet barranin li huma diġà stabbiliti fl-Ungerija u li ilhom joperaw legalment f'dan il-pajjiż għal ħafna snin, tidher estremament problematika mill-perspettiva tal-istat tad-dritt u minn dik tal-prinċipji u l-garanziji tad-drittijiet fundamentali. Daww l-universitajiet u l-istudenti tagħhom huma protetti mir-regoli domestiċi u internazzjonali dwar il-libertà akkademika, il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda u d-dritt u l-libertà tal-edukazzjoni. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat li l-awtoritajiet Ungeriżi, b'mod partikolari, jżguraw li r-regoli l-ġodda dwar ir-reqwiżit li wieħed ikollu permess tax-xogħol ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat il-libertà akkademika u jiġu applikati b'mod nondiskriminatorju u flessibbli, mingħajr ma tiġi pperikolata l-kwalità u l-karattru internazzjonali tal-edukazzjoni diġà pprovduti mill-universitajiet eżistenti. It-tħassib dwar l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali kien kondiviż ukoll mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet għal-libertà tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u r-Rapporteur Speċjali tan-

NU dwar id-drittijiet kulturali, fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-11 ta' April 2017. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-ħsieb, tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll fuq il-libertà akkademika.

- (34) Fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Parlament Ungeriż estenda l-iskadenza għall-universitajiet barranin li joperaw fil-pajjiż biex jilhqgħu l-kriterji l-ġodda sal-1 ta' Jannar 2019 fuq it-talba tal-istituzzjonijiet ikkonċernati u wara r-rakkomandazzjoni tal-Presidenza tal-Konferenza tar-Retturi Ungeriżi. Il-Kummissjoni ta' Venezja laqgħet din l-estensjoni. In-negozjati bejn il-Gvern Ungeriż u l-istituzzjonijiet barranin ta' edukazzjoni għolja milquta, b'mod partikolari l-Università tal-Ewropa Ċentrali, għadhom għaddejjin, filwaqt li l-limbu legali għall-universitajiet barranin jibqa', minkejja li l-Università tal-Ewropa Ċentrali kkonformat mar-rekwiżiti l-ġodda.
- (35) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttella' lill-Ungerija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għar-raġuni li l-Emenda tal-Att CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Terzjarja Nazzjonali tillimita b'mod sproporzjonat lill-universitajiet tal-Unjoni u dawk li mhumex fl-operazzjonijiet tagħhom u li l-Att jeħtieġ li jerġa' jiġi allinjat mad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tmur kontra d-dritt għal-libertà akkademika, id-dritt għall-edukazzjoni u l-libertà ta' intrapriża kif previsti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") u l-obbligi legali tal-Unjoni skont il-liġi kummerċjali internazzjonali.
- (36) Fit-9 ta' Awwissu 2018, sar magħruf pubblikament li l-gvern Ungeriż biħsiebu jirtira l-programm ta' Masters fl-Istudji tal-Ġeneri fl-Università pubblika ta' Eötvös Loránd (ELTE) u jirrifjuta r-rikonoxximent tal-Masters fl-Istudji tal-Ġeneri mill-Università Ewropea Ċentrali, li hi privata. Il-Parlament jindika li interpretazzjoni ħażina tal-kunċett ta' ġeneru ddominat id-diskussjoni pubblika fl-Ungerija u jiddeplora din l-interpretazzjoni ħażina intenzjonata tat-termini "ġeneru" u "ugwaljanza bejn il-ġeneri". Il-Parlament Ewropew jikkundanna l-attakki fuq it-tagħlim u r-riċerka liberi, b'mod partikolari fir-rigward tal-istudji tal-ġeneri li għandhom l-għan li janalizzaw ir-relazzjonijiet ta' poter, id-diskriminazzjoni u r-relazzjonijiet bejn il-ġeneri fis-soċjetà u jsibu soluzzjonijiet għall-forom ta' inugwaljanza, u li saru l-mira ta' kampanji ta' diffamazzjoni. Il-Parlament jitlob li l-prinċipju demokratiku fundamentali tal-libertà tal-edukazzjoni jerġa' jiġi stabbilit u salvagwardat għalkollox.

Il-libertà tar-reliġjon

- (37) Fit-30 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Ungeriż adotta l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà ta' Kuxjenza u Reliġjon u l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012. L-Att għamel rieżami tal-personalità ġuridika ta' diversi organizzazzjonijiet reliġjużi u naqqas għal 14 l-għadd ta' knejjes rikonoxxuti legalment fl-Ungerija. Fis-16 ta' Diċembru 2011, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa kkondivida t-tħassib tiegħu dwar dan l-Att fittra mibgħuta lill-awtoritajiet Ungeriżi. Fi Frar 2012, b'reazzjoni għall-pressjoni internazzjonali, il-Parlament Ungeriż żied l-għadd ta' knejjes rikonoxxuti għal 31. Fid-19 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-Dritt għal-Libertà tal-Kuxjenza u tar-Reliġjon u dwar l-Istatus Legali tal-Knejjes, Denominazzjonijiet u Komunitajiet Reliġjużi tal-Ungerija, fejn indikat li l-Att

jistabbilixxi firxa ta' rekwiżiti li huma eċċessivi u bbażati fuq kriterji arbitrarji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' knisja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ta' Venezja indikat li l-Att wassal għal proċess ta' dereġistrazzjoni ta' mijiet ta' knejjes li qabel kienu rikonoxxuti legalment u li l-Att iwassal, sa ċertu punt, għal trattament mhux uguali u anke diskriminatorju ta' twemmin u komunitajiet reliġjużi differenti, skont jekk humiex rikonoxxuti jew le.

- (38) Fi Frar 2013, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija ddeċidiet li d-dereġistrazzjoni tal-knejjes rikonoxxuti ma kinitx kostituzzjonali. B'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Parlament Ungeriż emenda l-Liġi Fundamentali f'Marzu 2013. F'Ġunju u f'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda l-Att CCVI tal-2011, biex johlq klassifikazzjoni b'żewġ livelli li tikkonsisti minn "komunitajiet reliġjużi" u "knejjes inkorporati". F'Settembru 2013, il-Parlament Ungeriż emenda wkoll il-Liġi Fundamentali b'mod espliċitu biex jagħti lill-awtorità li jagħżel komunitajiet reliġjużi għal "kooperazzjoni" mal-istat fis-servizz ta' "attivitajiet ta' interess pubbliku", u fil-prattika jagħti lill-awtorità setgħa diskrezzjonali biex jirrikonoxxi organizzazzjoni reliġjuża b'vot ta' żewġ terzi.
- (39) Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' April 2014, *Magyar Keresztény Mennonita Egyház u Oħrajn vs l-Ungerija*, il-QEDB iddeċidiet li l-Ungerija kienet kisret il-libertà tal-assoċjazzjoni, fid-dawl tal-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon. Il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija sabet li ċerti regoli li jirregolaw il-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent bħala knisja ma kinux kostituzzjonali u ordnat lil-leġiżlatura biex tagħmel ir-regoli rilevanti konformi mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant, l-Att rilevanti ġie ppreżentat lill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2015 iżda ma kisibx il-maġġoranza meħtieġa. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti.

Il-libertà tal-assoċjazzjoni

- (40) Fid-9 ta' Lulju 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika fl-ittra tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi li kien imħasseb dwar ir-retorika stigmatizzanti użata mill-politiċi li tpoġġi f'dubju l-leġittimità tax-xogħol tal-NGOs fil-kuntest tal-awdit li twettqu mill-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern Ungeriż fir-rigward ta' NGOs li kienu operatori u benefiċjarji tal-Fond għall-NGOs taż-ŻEE/Għotjiet tan-Norveġja. Il-Gvern Ungeriż iffirma ftehim mal-Fond u, b'riżultat ta' dan, il-pagamenti tal-għotjiet għadhom għaddejnin. Bejn it-8 u s-16 ta' Frar 2016, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żar l-Ungerija u indika fir-rapport tiegħu li jeżistu sfidi sinifikanti minħabba l-qafas legali eżistenti li jirregola l-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali, bħad-drittijiet għal-libertajiet tal-opinjoni u tal-espressjoni, u tal-għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u li l-leġiżlazzjoni li tirrigwarda s-sigurtà nazzjonali u l-migrazzjoni jista' wkoll ikollha impatt restrittiv fuq l-ambjent tas-soċjetà ċivili.
- (41) F'April 2017 ġie introdott abbozz ta' liġi mill-Parlament Ungeriż dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet li Jirċievu Appoġġ minn Barra l-Pajjiż, bl-iskop iddikjarat li jiġu introdotti rekwiżiti relatati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tat-terroriżmu. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet fl-2013 li jista' jkun hemm diversi raġunijiet għalfejn stat jillimita l-finanzjament barrani, inkluż il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, iżda dawn l-għanijiet leġittimi m'għandhomx jintużaw bħala skuża biex l-NGOs jiġu kkontrollati jew biex tiġi ristretta l-ħila tagħhom li jwettqu l-ħidma leġittima tagħhom, b'mod partikolari d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem.

Fis-26 ta' April 2017, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indirizza ittra lill-President tal-Assemblea Nazzjonali Ungeriża li fiha nnota li l-abbozz ta' liġi ġie introdott fl-isfond ta' retorika antagonistika kontinwa minn ċerti membri tal-koalizzjoni fil-gvern, li b'mod pubbliku ttimbraw lil xi NGOs bħala "aġenti barranin" abbażi tas-sors tal-finanzzjament tagħhom, u poġġew f'dubju l-leġittimità tagħhom. it-terminu "aġenti barranin", madankollu, ma kienx preżenti fl-abbozz. Tħassib simili kien ġie espress fid-dikjarazzjoni tas-7 ta' Marzu 2017 tal-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-President tal-Kunsill tal-Esperti dwar il-Liġi tal-NGOs, kif ukoll fl-Opinjoni tal-24 ta' April 2017 imħejjija mill-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs, u fid-dikjarazzjoni tal-15 ta' Mejju 2017 mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.

- (42) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament Ungeriż adotta l-abbozz ta' liġi b'bosta emendi. Fl-Opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li t-terminu "organizzazzjoni li tirċievi appoġġ minn barra l-pajjiż" hu newtrali u deskrittiv, u li wħud minn daww l-emendi kienu jirrappreżentaw titjib importanti iżda fl-istess ħin xi tħassib ieħor ma ġiex indirizzat u l-emendi ma kinux biżżejjed biex itaffu t-tħassib li l-liġi kienet se tikkawża interferenza sproporzjonata u mhux meħtieġa fil-libertajiet tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni, fid-dritt għall-privatezza, u fil-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-impożizzjoni ta' daww ir-rekwiżiti, li deheru li kienu parti minn tentattiv biex jiġu skreditati ċerti NGOs, inklużi NGOs iddedikati għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ungerija.
- (43) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti legali kontra l-Ungerija talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, minħabba dispożizzjonijiet fil-Liġi tal-NGOs li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, indirettament jiddiskriminaw u jillimitaw b'mod sproporzjonat id-donazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minn barra l-pajjiż. Barra minn hekk, il-Kummissjoni allegat li l-Ungerija kienet kisret id-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali minqax fil-Karta, ikkunsidrati flimkien mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, definit fl-Artikoli 26(2) u l-Artikoli 56 u 63 tat-TFUE.
- (44) Fi Frar 2018, pakkett leġiżlattiv magħmul minn tliet abbozzi ta' liġijiet (T/19776, T/19775, T/19774), ġie ppreżentat mill-Gvern Ungeriż. Fl-14 ta' Frar 2018, il-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa u l-President tal-Kunsill Espert dwar il-Liġi tal-NGOs għamlu dikjarazzjoni li tindika li l-pakkett ma jikkonformax mal-libertà tal-assoċjazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOs li jkollhom x'jaqsmu mal-migranti. Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fit-8 ta' Marzu 2018, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, ir-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-Espert Indipendenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà internazzjonali, ir-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, u r-Rapporteur Speċjali dwar il-forom kontemporani ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata wissew li l-abbozz ta' liġi kien se jwassal għal restrizzjonijiet żejda fuq il-libertà

tal-assoċjazzjoni u l-libertà ta' espressjoni fl-Ungerija. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-fatt li permezz tar-referenzi għas-"sopravivenza tan-nazzjon" u l-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-kultura, u billi jorbot ix-xogħol tal-NGOs ma' konfoffa internazzjonali allegata, il-pakkett leġislativ kien se jstigmatizza lill-NGOs u jrażżan il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet importanti tagħhom ta' appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, id-drittijiet tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti. Kien imħasseb ukoll li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani li jirċievu l-NGOs setgħet tintuża biex tiġi applikata pressjoni illeġittima fuqhom u biex ikun hemm indħil mhux ġustifikat fl-attivitajiet tagħhom. Wieħed mill-abbozzi ta' liġijiet kellu l-għan li jintaxxa kwalunkwe flus li l-NGO jirċievu minn barra l-Ungerija, inkluż il-finanzjament tal-Unjoni, b'rata ta' 25 %; barra minn hekk, il-pakkett leġislativ kien se jċaħħad lill-NGOs minn rimedju legali biex jappellaw kontra deċiżjonijiet arbitrarij. Fit-22 ta' Marzu 2018, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa talab opinjoni mingħand il-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-abbozz ta' pakkett leġislativ.

- (45) Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Gvern Ungeriż ippreżenta abbozz ta' liġi li temenda ċerti liġijiet fir-rigward ta' miżuri kontra l-immigrazzjoni illegali (T/333). L-abbozz huwa verżjoni riveduta tal-pakkett leġislativ preċedenti u jipproponi penali kriminali għall-"faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali". Fl-istess jum, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati talab li l-proposta tiġi rtirata u esprima t-tħassib tiegħu li l-proposti, jekk jgħaddu, se jżommu lin-nies li jiġu mġiegħla jaħrabu minn djarhom milli jingħataw għajnuna u servizzi kritiċi, u se jkomplu jkebbu d-diskors pubbliku mimli tensjoni u l-attitudnijiet ksenofobiċi li qed jiżdiedu. Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib simili. Fil-31 ta' Mejju 2018, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa kkonferma t-talba għal opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-proposta l-għdida. L-abbozz ġie adottat fl-20 ta' Ġunju 2018 qabel il-ħruġ tal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja. Fil-21 ta' Ġunju 2018, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem ikkundanna d-deċiżjoni tal-Parlament Ungeriż. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ta' Venezja u l-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem indikaw li d-dispożizzjoni dwar ir-responsabilità kriminali tista' twaqqaf l-attività organizzativa u espressiva protetti u tikkostitwixxi ksur tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni u għandha, għalhekk, tiġi mħassra. Fid-19 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni baġtet **ittra ta' intimazzjoni** lill-awtoritajiet Ungeriżi rigward leġislazzjoni għdida li tikkriminalizza attivitajiet li jappoġġjaw l-applikazzjonijiet għal asil u residenza u jillimitaw aktar id-dritt li jintalab asil.

Id-dritt għal trattament ugwali

- (46) Bejn is-17 u s-27 ta' Mejju 2016, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika żar l-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma indika li m'għandux ikun hemm żbilanċ bejn forma konservattiva tal-familja, li l-protezzjoni tagħha hija garantita għax hi essenzjali għas-sopravivenza nazzjonali, u d-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tan-nisa u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa. Il-Grupp ta' Ħidma qal ukoll li d-dritt ta' mara għall-ugwaljanza ma jstax jitqies biss fid-dawl tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli flimkien mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, għaliex huma jagħmlu parti integrali minn dawn il-gruppi kollha. Il-kotba tal-iskola l-ġodda xorta għad fihom l-isterjotipi tas-sessi, juru n-nisa primarjament fir-rwol tagħhom

ta' ommijiet u nisa miżżewġin, u f'xi każijiet, juru lill-ommijiet bħala inqas intelliġenti mill-missirijiet. Mill-banda l-oħra, il-Grupp ta' Ħidma rrikonoxxa l-isforzi tal-Gvern Ungeriż fit-tisħiħ tar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja billi introduċa dispożizzjonijiet ġenerużi fis-sistema tal-appoġġ tal-familja u fir-rigward tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Fir-rapport tagħha adottat fis-27 ta' Ġunju 2018, il-missjoni limitata ta' osservazzjoni tal-elezzjoni mwettqa mill-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem għall-elezzjonijiet parlamentari tal-2018 fl-Ungerija qalet li n-nisa huma sottorappreżentati fil-ħajja politika u li ma jeżistux rekwiżiti legali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza tas-sessi fl-elezzjonijiet. Għalkemm partit ewlieni wieħed poġġa mara fil-quċċata tal-lista nazzjonali u xi partijiet indirizzaw il-kwistjonijiet relatati mas-sessi fil-programmi tagħhom, l-emanċipazzjoni tan-nisa ma tantx ingħatat attenzjoni bħala kwistjoni fil-kampanja, inkluż fil-mezzi tax-xandir.

- (47) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU laqa' l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Istanbul iżda esprima dispjaċir dwar il-fatt li l-attitudnijiet sterjotipiċi patrijarkali għadhom prevalenti fl-Ungerija fir-rigward tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u nnota bi tħassib il-kummenti diskriminatorji magħmula minn esponenti politiċi kontra n-nisa. Innota wkoll li l-Kodiċi Kriminali Ungeriż ma jipproteġix għalkollox il-vittmi nisa tal-vjolenza domestika. Esprima wkoll it-tħassib li n-nisa mhumx rappreżentati biżżejjed fil-pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet fis-settur pubbliku, partikolarment fil-ministeri tal-Gvern u fil-Parlament Ungeriż. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul għadha ma ġietx ratifikata.
- (48) Il-Liġi Fundamentali tal-Ungerija tistipula dispożizzjonijiet obbligatorji għall-protezzjoni tal-postijiet tax-xogħol tal-ġenituri u għall-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali; konsegwentement, jeżistu regoli speċjali fil-liġi tax-xogħol għan-nisa u għall-ommijiet u l-missirijiet li qed irabbu t-tfal. Fis-27 ta' April 2017, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata li fiha talbet lill-Ungerija timplimenta b'mod korrett id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, billi l-liġi Ungeriża tipprovdi eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess li hija ferm usa' mill-eċċezzjoni prevista minn dik id-Direttiva. Fl-istess data, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata lill-Ungerija dwar in-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 92/85/KEE tal-Kunsill² li tgħid li min iħaddem għandu dmir li jadatta l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tqal jew li qed ireddgħu biex jiġi evitat riskju għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom. Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li jemenda d-dispożizzjonijiet meħtieġa tal-Att CXXV tal-2003 dwar it-Trattament Ugwali u l-Promozzjoni ta' Opportunitajiet Ugwali, kif ukoll l-Att I tal-2012 dwar il-Kodiċi tax-Xogħol. Konsegwentement, fis-7 ta' Ġunju 2018 il-kawża nġalqet.
- (49) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-projbizzjoni kostituzzjonali fuq id-

¹ Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1).

diskriminazzjoni ma tinkludix b'mod espliċitu l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru mar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u li d-definizzjoni restrittiva tagħha ta' familja tista' twassal għal diskriminazzjoni għaliex ma tinkludix ċerti tipi ta' arranġamenti ta' familja, fosthom il-koppji tal-istess sess. Il-Kumitat kien imħasseb ukoll dwar atti ta' vjolenza u l-prevalenza ta' sterjotipi negattivi u preġudizzju kontra persuni lezbbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjieg u tal-edukazzjoni.

- (50) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU semma wkoll it-tqegħid furzat f'istituzzjonijiet mediċi, l-iżolament u t-trattament furzat ta' għadd kbir ta' persuni b'diżabilità mentali, intellettuali u psikosoċjali, kif ukoll ir-rapporti ta' vjolenza u trattament krudili, inuman u degradanti u l-allegazzjonijiet ta' għadd kbir ta' mwiet mhux investigati f'istituzzjonijiet magħluqa.

Id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom u l-Lhud, u l-protezzjoni kontra dikjarazzjonijiet ta' mibegħda kontra minoranzi tali

- (51) Fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa qal li kien imħasseb dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni fir-rigward tar-rażziżmu u l-intolleranza fl-Ungerija, li d-diskriminazzjoni kontra ż-żingari hi l-aktar forma sfaċċata ta' intolleranza, kif muri mill-vjolenza ħarxa b'mod distintiv immirata lejn il-persuni Rom u l-parati u r-rondi paramilitari fil-villaġġi fejn il-popolazzjoni hija Rom. Huwa indika wkoll li, minkejja l-pożizzjonijiet li hađu l-awtoritajiet Ungeriżi biex jikkundannaw id-diskors anti-Semitiku, l-anti-Semitiżmu huwa problema rikorrenti, li toħroġ fid-dieher permezz ta' diskors ta' mibegħda u każijiet ta' vjolenza kontra persuni Lhud jew il-proprjetà tagħhom. Barra minn hekk, huwa semma r-rekrudexxenza tal-ksenofobija mmirata kontra l-migranti, inkluż dawk li jfittxu l-asil u r-rifuġjati, u tal-intolleranza li tolqot gruppi soċjali oħra bħall-persuni LGBTI, il-fqar u l-persuni bla dar. Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija (ECRI) semmiet tħassib simili fir-rapport tagħha dwar l-Ungerija ppubblikat fid-9 ta' Ġunju 2015.
- (52) Fir-Raba' Opinjoni tiegħu dwar l-Ungerija adottata fil-25 ta' Frar 2016, il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali nnota li r-Rom qed ikomplu jsofru minn diskriminazzjoni u inugwaljanza sistemiki fl-oqsma kollha tal-ħajja, inklużi l-abitazzjoni, ix-xogħol, l-edukazzjoni, l-aċċess għas-saħħa u l-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali u politika. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2017, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa rrakkomanda lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jagħmlu sforzi sostnuti u effettivi biex jipprevjenu, jiġġieldu u jissanzjonaw l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni li jsofru r-Rom, biex itejbu, f'konsultazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tar-Rom, il-kundizzjonijiet tal-ġajxien, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u l-impjieg tar-Rom, biex jieħdu miżuri effettivi biex iwaqqfu l-prattiki li jwasslu għas-segregazzjoni kontinwa tat-tfal Rom fl-iskola u jirdupjaw l-isforzi biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal Rom fil-qasam tal-edukazzjoni, biex jiżguraw li t-tfal Rom ikollhom opportunitajiet indaqs ta' aċċess għal-livelli kollha ta' edukazzjoni ta' kwalità, u biex ikomplu jieħdu miżuri biex jipprevjenu li t-tfal jitqiegħdu b'mod żbaljat fi skejjel u klassijiet speċjali. Il-Gvern Ungeriż ħa diversi miżuri sostanzjali biex irawwem l-inklużjoni tar-Rom. Fl-4 ta' Lulju 2012 adotta l-Pjan ta' Azzjoni għall-Protezzjoni tal-Impjiegi biex jipproteġi l-impjieg ta' impjegati żvantaġġati u jrawwem l-impjieg ta' persuni li jkun ilhom qiegħda. Adotta wkoll l-Istrateġija Settorjali tal-Kura tas-Saħħa "Healthy Hungary (Ungerija

b'Saħħitha) 2014-2020" biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa. Fl-2014 adotta strateġija għall-perjodu 2014-2020 biex jindirizza l-abitazzjoni ta' standard inaċċettabli fil-kwartieri segregati. Madankollu, skont ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2018 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-perċentwal ta' żgħażagħ Rom li bħalissa jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) żdied minn 38 % fl-2011 għal 51 % fl-2016.

- (53) Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar 2013, *Horváth u Kiss vs l-Ungerija*, il-QEDB sabet li l-leġiżlazzjoni rilevanti Ungeriża kif applikata fil-prattika kienet nieqsa minn salvagwardji adegwati u rriżultat fir-rappreżentazzjoni żejda u s-segregazzjoni tat-tfal Rom fi skejjel speċjali minħabba dijanjożi ħażina sistematika ta' diżabilità mentali, li kienet tammonta għal ksur tad-dritt għall-edukazzjoni ħielsa mid-diskriminazzjoni. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendenti.
- (54) Fis-26 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward tal-leġiżlazzjoni u tal-prattiki amministrattivi Ungeriżi li jirriżultaw fir-rappreżentazzjoni żejda b'mod sproporzjonat tat-tfal Rom fi skejjel speċjali għal tfal b'diżabilità mentali u suġġetti għal livell konsiderevoli ta' edukazzjoni segregata fl-iskejjel regolari, b'mod li jostakola l-inklużjoni soċjali tagħhom. Il-Gvern Ungeriż involva ruħu b'mod attiv fi djalogu mal-Kummissjoni. L-Istrateġija tal-Inklużjoni Ungeriża tiffoka fuq il-promozzjoni ta' edukazzjoni inklużiva, it-tnaqqis tas-segregazzjoni, il-ksur tat-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi u l-istabbiliment ta' ambjent tal-iskola inklużiv. Barra minn hekk, l-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika Nazzjonali ġie estiż b'garanziji addizzjonali f'Jannar 2017, u l-Gvern Ungeriż beda awditi uffiċjali bejn l-2011 u l-2015, segwiti minn azzjonijiet minn uffiċċji tal-gvern.
- (55) Fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ottubru 2015, *Balázs vs l-Ungerija*, il-QEDB iddeċidiet li kien hemm ksur tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fil-kuntest ta' nuqqas li jitqies l-allegat motiv anti-Rom ta' attakk. Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' April 2016, *R.B. vs l-Ungerija*, u fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Jannar 2017, *Király u Dömötör vs l-Ungerija*, il-QEDB iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata minħabba investigazzjonijiet inadegwati tal-allegazzjonijiet ta' abbuż b'motivi razzjali. Fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru 2016, *M.F. vs l-Ungerija*, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li kien hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni flimkien mal-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti għax l-awtoritajiet naqsu milli jinvestigaw motivi possibilmement razzisti fir-rigward tal-inċident konċernat. L-eżekuzzjoni ta' daww is-sentenzi għadha pendenti. Wara s-sentenza *Balázs vs l-Ungerija* u *R.B. vs l-Ungerija*, madankollu, il-modifika tat-tendenza tal-fatti tad-delitt ta' "tixwix tal-vjolenza jew mibegħda kontra l-komunità" fil-Kodiċi Penali daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Ottubru 2016 bil-għan li tiġi implimentata d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI¹ Fl-2011, il-Kodiċi Penali kien ġie emendat sabiex jipprevjeni kampanji ta' gruppi paramilitari tal-lemin estrem, billi ġie introdott dak li hu magħruf bħala "delitt bl-uniformi", li jikkastiga bi tliet snin priġunerija kwalunkwe mġiba antisoeċjali provokattiva li toħloq il-biża' f'membri ta' komunità nazzjonali, etnika jew reliġjuża.

¹ Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressionijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55).

- (56) Bejn id-29 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2015, l-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem għamel żjara ta' valutazzjoni fil-post fl-Ungerija, wara rapporti dwar l-azzjonijiet meħuda mill-gvern lokali tal-belt ta' Miskolc li jikkonċernaw l-evizzjonijiet furzati ta' persuni Rom. L-awtoritajiet lokali adottaw mudell ta' miżuri kontra r-Rom, anke qabel il-bidla tad-digriet lokali tal-2014, u l-figuri pubbliċi fil-belt spiss għamlu dikjarazzjonijiet kontra r-Rom. Għe rrapportat li fi Frar 2013, is-Sindku ta' Miskolc qal li ried inaddaf il-belt minn "persuni Rom antisoeċjali u pervertiti" li allegatament ibbenefikaw b'mod illegali mill-programm Nest (il-programm Fészekrakó) għal benefiċċji tal-abitazzjoni u minn persuni li jgħixu f'appartamenti soċjali b'tariffi tal-kera u tal-manutenzjoni. Il-kliem tiegħu ta' bidu għal sensiela ta' evizzjonijiet, u matul dak ix-xahar, tneħħew ħamsin appartament mill-273 appartament fil-kategorija xierqa – anke biex l-art titnaddaf għar-rinnovazzjoni ta' stadium. Abbażi tal-appell tal-uffiċċju governattiv inkarigat, il-Qorti Suprema annullat id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' April 2015. Il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali u d-Deputat Kummissarju għad-Drittijiet tal-Minoranzi Nazzjonali ħarġu opinjoni konġunta fil-5 ta' Ġunju 2015 dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali kontra r-Rom f'Miskolc, li l-gvern lokali naqas li jadotta r-rakkomandazzjonijiet tagħha. L-Awtorità għat-Trattament Ugwali tal-Ungerija wettqet ukoll investigazzjoni u tat deċiżjoni f'Lulju 2015, li fiha talbet lill-gvern lokali jwaqqaf l-evizzjonijiet kollha u jiżviluppa pjan ta' azzjoni dwar kif kellha tiġi offruta abitazzjoni konformi mad-dinjità tal-bniedem. Fis-26 ta' Jannar 2016, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa bagħat ittri lill-gvernijiet tal-Albanija, il-Bulgarija, Franza, l-Ungerija, l-Italja, is-Serbja u l-Iżvezja dwar evizzjonijiet furzati tar-Rom. L-ittra indirizzata lill-awtoritajiet Ungeriżi esprimiet tħassib dwar it-trattament tar-Rom f'Miskolc. Il-pjan ta' azzjoni ġie adottat fil-21 ta' April 2016 u sadanittant ġiet stabbilita wkoll aġenzija tal-abitazzjoni soċjali. Fid-deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Ottubru 2016, l-Awtorità għat-Trattament Ugwali sabet li l-muniċipalità wettqet l-obbligi tagħha. Madankollu, l-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza semmiet fil-konklużjonijiet tagħha dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-Ungerija ppubblikati fil-15 ta' Mejju 2018 li, minkejja xi żviluppi pożittivi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tar-Rom, ir-rakkomandazzjoni tagħha ma kinitx ġiet implimentata.
- (57) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2017, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa rrakkomanda li l-awtoritajiet Ungeriżi jkomplu jtejb u d-djalogu mal-komunità Lhudija, biex jagħmlu sostenibbli, u biex jagħtu l-oġġetiv lill-ġlied kontra l-anti-Semitiżmu fi spazji pubbliċi, biex jagħmlu sforzi sostnuti biex jipprevjenu, jidentifikaw, jinvestigaw, iressqu quddiem il-ġustizzja u jissanzjonaw b'mod effettiv l-atti kollha b'motivi razzjali, etniċi jew anti-Semitiċi, inklużi l-atti ta' vandaliżmu u d-diskors ta' mibegħda, u biex jikkunsidraw li jemendaw il-liġi sabiex tiġi żgurata l-aktar protezzjoni legali wiesgħa possibbli kontra delitti razzisti.
- (58) Il-Gvern Ungeriż attwali ordna li l-vitalizju tas-superstiti tal-Olokawst għandu jizjed b'50 % fl-2012, stabbilixxa, fl-2013, il-Kumitat ta' Tifkira tal-Olokawst Ungeriż, iddikjara s-sena 2014 bħala s-Sena ta' Tifkira tal-Olokawst, introduċa programmi ta' rinnovazzjoni u restawr għal diversi sinagogi Ungeriżi u ċimiterji Lhud u attwalment qed iħeġġi għal-Logħob Ewropew ta' Maccabi tal-2019 li se jiġi organizzat f'Budapest. Id-dispożizzjonijiet ġuridiċi Ungeriżi jidentifikaw diversi reati relatati mal-mibegħda jew l-inċitar tal-mibegħda, fosthom l-atti anti-Semitiċi jew l-atti li jinnegaw jew ižebillu l-Olokawst: L-Ungerija ngħatat il-presidenza tal-Alleanza Internazzjonali ta' Tifkira tal-Olokawst (IHRA) fl-2015-2016. Madankollu, f'diskors li sar fit-

15 ta' Marzu 2018 f'Budapest, il-Prim Ministru tal-Ungerija uża attacki polemiċi inklużi sterjotipi anti-Semitiċi ċari kontra George Soros, li setgħu jitqiesu bħala punibbli.

- (59) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar rapporti li l-komunità Rom qed tkompli ssofri diskriminazzjoni u esklużjoni mifruxa, qgħad, u segregazzjoni fl-abitazzjoni u fl-edukazzjoni. Jinsab imħasseb b'mod partikolari li, minkejja l-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, is-segregazzjoni fl-iskejjel, b'mod speċjali fl-iskejjel tal-knisja u l-iskejjel privati, għadha prevalenti, u l-għadd ta' tfal Rom li jitpoġġew fi skejjel għal tfal b'diżabilità ħafifa għadu kbir b'mod sproporzjonat. Issemma wkoll it-tħassib dwar il-prevalenza ta' delitti ta' mibegħda u dwar diskors ta' mibegħda immirat lejn il-minoranzi fid-diskors politiku, fil-media u fuq l-internet, b'mod partikolari lejn ir-Rom, il-Musulmani, il-migranti u r-rifuġjati, fosthom fil-kuntest ta' kampanji sponsorjati mill-gvern. Il-Kumitat esprima t-tħassib tiegħu dwar il-prevalenza ta' sterjotipi anti-Semitiċi. Il-Kumitat innota wkoll bi tħassib l-allegazzjonijiet li l-għadd ta' delitti ta' mibegħda rreġistrati huwa estremament baxx għaliex il-pulizija spiss jonqsu milli jinvestigaw u jressqu quddiem il-ġustizzja l-każijiet kredibbli ta' delitti ta' mibegħda u ta' diskors ta' mibegħda kriminali. Finalment, il-Kumitat kien imħasseb dwar rapporti tal-prattika persistenti ta' tfassil ta' profil razzjali tar-Rom mill-pulizija.
- (60) F'każ li jirrigwarda r-raġal ta' Gyöngyöspata, fejn il-pulizija lokali kienet qed timponi l-multi esklussivament lir-Rom għal reati minuri tat-traffiku, is-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza sabet li l-prattika kienet tikkostitwixxi fastidju u diskriminazzjoni diretta kontra r-Rom, anki jekk il-miżuri individwali kienu legali. Il-qorti tat-tieni istanza u l-Qorti Suprema ddeċidew li l-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili Ungeriża (HCLU), li kienet ippreżentat *actio popularis*, ma setgħetx tissostanzja diskriminazzjoni. Il-kawża tressqet quddiem il-QEDB.
- (61) Skont ir-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali, "il-libertà ta' espressjoni ma tistax tiġi eżerċitata bil-għan li tmur kontra d-dinjità tan-nazzjon Ungeriż jew ta' kwalunkwe komunità nazzjonali, etnika, razzjali jew reliġjuża". Il-Kodiċi Penali Ungeriż jikkastiga l-inċitament għall-vjolenza jew mibegħda kontra membru ta' komunità. Il-Gvern stabbilixxa Grupp ta' Ħidma Kontra d-Delitti ta' Mibegħda li jipprovdi taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija u jgħin lill-vittmi jikkooperaw mal-pulizija u jirrapportaw l-inċidenti.

Id-drittijiet fundamentali tal-migranti, il-persuni li jfittxu asil u r-rifuġjati

- (62) Fit-3 ta' Lulju 2015, il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati esprima tħassib dwar il-proċedura rapida għall-emendi fil-liġi tal-asil. Fis-17 ta' Settembru 2015, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem esprima l-opinjoni tiegħu li l-Ungerija kisret id-dritt internazzjonali bil-mod kif trattat lir-rifuġjati u lill-migranti. Fis-27 ta' Novembru 2015, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa għamel dikjarazzjoni li r-reazzjoni tal-Ungerija għall-isfida tar-rifuġjati tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem. Fil-21 ta' Diċembru 2015, il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ħeġġew lill-Ungerija toqgħod lura minn politiki u Prattiki li jippromwovu l-intolleranza u l-biża' u jkebbu l-ksenofobija kontra r-rifuġjati u l-migranti. Fis-6 ta' Ġunju 2016, il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati esprima tħassib dwar in-numru dejjem jiżdied ta' allegazzjonijiet ta' abbuż, fl-Ungerija, min-naħa tal-awtoritajiet tal-fruntiera kontra l-persuni li jfittxu asil u l-migranti, u l-

miżuri restrittivi usa' tal-fruntiera u leġiżlattivi, inkluż l-aċċess għall-proċeduri ta' asil. Fl-10 ta' April 2017, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati talab sospensjoni immedjata tat-trasferimenti ta' Dublin lejn l-Ungerija. Fl-2017, minn 3 397 applikazzjoni għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali magħmula fl-Ungerija, 2 880 applikazzjoni ġew miċħuda, jiġifieri rata ta' ċaħda ta' 69,1 %. Fl-2015, minn 480 appell ġudizzjarju relatati ma' applikazzjonijiet għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, kien hemm 40 deċiżjoni pożittiva, jiġifieri 9 %. Fl-2016, minn 775 appell, 5 rriżultaw f'deċiżjoni pożittiva, jiġifieri 1 %, filwaqt li fl-2017 ma kien hemm ebda appell.

- (63) L-Uffiċċjal għad-Drittijiet Fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta żar l-Ungerija f'Ottubru 2016 u f'Marzu 2017, minħabba t-tħassib tal-Uffiċċjal li l-Aġenzija setgħet kienet qed topera taħt kundizzjonijiet li ma jimpenjawx ruħhom għar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-persuni li jaqsmu l-fruntiera bejn l-Ungerija u s-Serbja, li jista' jpoġġi lill-Aġenzija f'sitwazzjonijiet li *de facto* jikkostitwixxu ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Uffiċċjal għad-Drittijiet Fundamentali f'Marzu 2017 ikkonkluda li r-riskju ta' responsabilità kondiviża tal-Aġenzija fil-ksur tad-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Ewropew dwar il-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għadu għoli ħafna.
- (64) Fit-3 ta' Lulju 2014, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-Detenzjoni Arbitrarja indika li s-sitwazzjoni ta' dawk li jfittxu l-asil u tal-migranti f'sitwazzjonijiet irregolari teħtieġ titjib robust u attenzjoni għall-iżgurar kontra l-privazzjoni arbitrarja tal-libertà. Tħassib simili dwar id-detenzjoni, b'mod partikolari tal-minorenni mhux akkumpanjati, kien kondiviż mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport li segwa ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014. Bejn il-21 u s-27 ta' Ottubru 2015, il-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u ta' Trattament jew Kastig Inuman jew Degradanti (CPT) żar l-Ungerija u fir-rapport tiegħu indika numru konsiderevoli ta' allegazzjonijiet minn ċittadini barranin (inklużi minorenni mhux akkumpanjati) li kienu suġġetti għal maltrattament fiżiku min-naħa ta' uffiċjali tal-pulizija u gwardji armati li jaħdmu fil-faċilitajiet ta' detenzjoni tal-immigrazzjoni u ta' dawk li jfittxu asil. Fis-7 ta' Marzu 2017, il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati esprima t-tħassib tiegħu dwar liġi ġdida li vvota fuqha l-Parlament Ungeriż li tipprevedi d-detenzjoni obbligatorja ta' dawk kollha li jfittxu l-asil, inkluż it-tfal, għat-tul kollu tal-proċedura ta' asil. Fit-8 ta' Marzu 2017, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ħareġ dikjarazzjoni li b'mod simili tesprimi t-tħassib tiegħu dwar dik il-liġi. Fil-31 ta' Marzu 2017, is-Sottokumitat tan-NU dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura ħeġġeġ lill-Ungerija tindirizza immedjatament l-użu eċċessiv tad-detenzjoni u tesplora l-alternattivi.
- (65) Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2016, *O.M. vs l-Ungerija*, il-QEDB sabet li kien hemm ksur tad-dritt għal-libertà u għas-sigurtà fil-forma ta' detenzjoni li kienet prattikament arbitrarja. B'mod partikolari, l-awtoritajiet naqsu milli jeżerċitaw l-attenzjoni meta ordnaw id-detenzjoni tal-applikant, mingħajr ma qiesu sa liema punt l-individwi vulnerabbli – pereżempju persuni LGBT bħall-applikant – kienu sikuri jew mhux sikuri fil-kustodja fost persuni detenuti oħra, li ħafna minnhom kienu ġew minn pajjiżi bi preġudizzju kulturali jew reliġjuż mifruż kontra tali persuni. L-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza għadha pendent.
- (66) Bejn it-12 u s-16 ta' Ġunju 2017, ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati żar is-Serbja u żewġ żoni ta'

tranżitu fl-Ungerija. Fir-rapport tiegħu, ir-Rappreżentant Speċjali ddikjara li l-pushbacks vjolenti ta' migranti u rifuġjati mill-Ungerija lejn is-Serbja jgħajmu tħassib taħt l-Artikolu 2 (id-dritt għall-ħajja) u 3 (projbizzjoni tat-tortura) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-Rappreżentant Speċjali nnota wkoll li l-prattiki restrittivi tal-ammissjoni ta' persuni li jfittxlu l-asil fiż-żoni ta' tranżitu ta' Röszke u Tompa sikwit iġiegħlu lil dawk li jfittxlu l-asil ifittxu modi illegali kif jaqsmu l-fruntiera, u jirrikorru għand il-kuntribandisti u t-traffikanti, bir-riskji kollha li dan jinvolvi. Huwa indika li l-proċeduri ta' asil, li jitwettqu fiż-żoni ta' transitu, m'għandhomx salvagwardji adegwati sabiex jipproteġu lill-persuni li jfittxu asil kontra r-*refoulement* lejn pajjiżi fejn jissograw li jkunu suġġetti għal trattament li jmur kontra l-Artikoli 2 u 3 tal-KEDB. Ir-Rappreżentant Speċjali kkonkluda li huwa meħtieġ li l-leġislazzjoni u l-prattiki Ungeriżi jinġiebu f'konformità mar-rekwiżiti tal-KEDB. Ir-Rappreżentant Speċjali għamel bosta rakkomandazzjonijiet, inkluża talba lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jieħdu l-miżuri meħtieġa, fosthom billi jirrevedu l-qafas leġislattiv rilevanti u jibdlu l-prattiki rilevanti, biex jiżguraw li ċ-ċittadini barranin kollha li jaslu fil-fruntiera jew li jkunu fuq territorju Ungeriż ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Bejn il-5 u s-7 ta' Lulju 2017, delegazzjoni tal-Kumitat ta' Lanzarote tal-Kunsill tal-Ewropa (il-Kumitat tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-isfruttament u l-abbuż sesswali) żaret ukoll żewġ żoni ta' tranżitu u għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet, inkluża talba biex il-persuni kollha taħt l-età ta' 18-il sena jiġu ttrattati bħala tfal mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età tagħhom, biex jiġi żgurat li t-tfal kollha taħt il-ġurisdizzjoni Ungeriża jkunu protetti mill-isfruttament u l-abbuż sesswali, u biex b'mod sistematiku jitpoġġew fl-istituzzjonijiet regolari għall-protezzjoni tat-tfal sabiex jiġi prevenut l-isfruttament u l-abbuż sesswali possibbli kontribom min-naħa tal-adulti u tal-adolesxenti fiż-żoni ta' tranżitu. Bejn it-18 u l-20 ta' Diċembru 2017, delegazzjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA) żaret l-Ungerija, inklużi żewġ żoni ta' tranżitu, u kkonkludiet li żona ta' tranżitu, li effettivament hi post ta' ċaħda tal-libertà, ma tistax titqies bħala akkomodazzjoni xierqa u sikura għall-vittmi tat-traffikar. Hi talbet lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jadottaw qafas legali għall-identifikazzjoni ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin fost ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma kinux residenti legalment u biex iżidu l-proċeduri għall-identifikazzjoni ta' vittmi ta' dan it-traffikar fost dawk li jfittxu asil u l-migranti irregolari. Mill-1 ta' Jannar 2018 ġew introdotti regolamenti addizzjonali li jiffavorixxu l-minorenni b'mod ġenerali u l-minorenni mhux akkumpanjati b'mod speċifiku; fost l-oħrajn, ġie żviluppat kurrikulu speċifiku għall-minorenni li jfittxu asil. L-ECRI semmiet fil-konklużjonijiet tagħha dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-Ungerija, ippubblikati fil-15 ta' Mejju 2018, li filwaqt li tirrikonoxxi li l-Ungerija ħabbtet wiċċha ma' sfidi enormi wara l-wasliet massivi ta' migranti u rifuġjati, tħossha xxukkjata dwar il-miżuri li ttieħdu b'reazzjoni għal dan, u d-deterjorament serju fis-sitwazzjoni mill-ħames rapport tagħha. L-awtoritajiet għandhom, bħala kwistjoni ta' urġenza, itemmu d-detenzjoni fiż-żoni ta' tranżitu, partikolarment għall-familji bit-tfal u għall-minorenni mhux akkumpanjati kollha.

- (67) F'nofs Awwissu 2018, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni ma baqgħux jagħtu l-ikel lil persuni li jfittxu asil adulti li kienu qed jikkontestaw id-deċiżjonijiet inammissibilità fil-qorti. Diversi persuni li jfittxu asil kellhom ifittxu miżuri interim mill-QEDB biex jibdwew jirċievu l-ikel. Il-QEDB tat miżuri interim f'żewġ każijiet fl-10 ta' Awwissu 2018 u f'każ ieħor fis-16 ta' Awwissu 2018 u ordnat il-forniment tal-ikel lill-applikanti.

L-awtoritajiet Ungeriżi kkonformaw mas-sentenzi.

- (68) Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu 2017, *Ilias u Ahmed vs l-Ungerija*, il-QEDB sabet li kien hemm ksur tad-dritt tal-applikanti għal-libertà u għas-sigurtà. Il-QEDB sabet ukoll li kien hemm ksur tal-projbizzjoni tat-trattament inuman jew degradanti fir-rigward tal-espulsjoni tal-applikanti lejn is-Serbja, kif ukoll ksur tad-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni fiż-żona ta' tranżitu ta' Rösze. Il-kawża attwalment tinsab pendent quddiem l-Awla Manja tal-QEDB.
- (69) Fl-14 ta' Marzu 2018, Ahmed H., Sirjan residenti f'Ċipru li kien ipprova jgħin lill-membri tal-familja tiegħu jaħarbu mis-Sirja u jaqsmu l-fruntiera bejn is-Serbja u l-Ungerija f'Settembru 2015, ġie kkundannat minn qorti Ungeriża għal 7 snin ħabs u 10 snin espulsjoni mill-pajjiż fuq akkużi ta' "atti terroristiċi", u dan iqajjem il-kwistjoni ta' implimentazzjoni xierqa tal-liġijiet kontra t-terroriżmu fl-Ungerija, kif ukoll tad-dritt għal proċess ġust;
- (70) Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Settembru 2017 fil-Kawżi C-643/15 u C-647/15, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ħadhet fl-intier tagħhom l-azzjonijiet imressqa mis-Slovakkja u l-Ungerija kontra l-mekkaniżmu proviżorju għar-rilokazzjoni obligatorja tal-persuni li jfittxu l-asil skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601. Madankollu, minn meta nġatat dik is-sentenza, l-Ungerija ma kkonformatx mad-Deċiżjoni. Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq lir-Repubblika Ċeka, lill-Ungerija u lill-Polonja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-obbligi legali tagħhom fir-rigward tar-rilokazzjoni.
- (71) Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tmexxi bil-proċedura ta' ksur kontra l-Ungerija fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-asil billi tibgħat opinjoni motivata. Il-Kummissjoni tqis li l-leġiżlazzjoni Ungeriża ma tikkonformax mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-Direttivi 2013/32/UE¹, 2008/115/KE² u 2013/33/UE³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bosta dispożizzjonijiet tal-Karta. Fid-19 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi l-Ungerija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal nuqqas ta' konformità tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-asil u r-ritorn mad-dritt tal-Unjoni.
- (72) Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib li l-liġi Ungeriża adottata f'Marzu 2017, li tippermetti t-trasferiment awtomatiku lejn żoni ta' tranżitu tal-applikanti kollha għal asil matul il-perjodu tal-proċedura ta' asil tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati identifikati li jkunu taħt l-età ta' 14-il sena, ma tissodisfax l-istandards legali b'riżultat tal-perjodu twil u indefinit ta' reklużjoni permess, in-nuqqas ta' kwalunkwe rekwiżit

¹ Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

² Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

³ Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).

legali biex jiġu analizzati b'ħeffa l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull persuna milquta, u n-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali biex jiġi kkontestat b'mod sinifikattiv it-trasferiment lejn iż-żoni ta' tranżitu. Il-Kumitat kien partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti tal-użu estensiv ta' detenzjoni awtomatika tal-immigranti fil-faċilitajiet ta' akkoljenza fl-Ungerija u kien imħasseb li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà personali ntużaw bħala deterrent ġenerali kontra d-dħul illegali, aktar milli bħala reazzjoni għad-determinazzjoni individwalizzata tar-riskju. Barra minn hekk, il-Kumitat kien imħasseb dwar l-allegazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ħżiena f'xi faċilitajiet tad-detenzjoni. Innota bi tħassib il-liġi tal-push-back, li ġiet introdotta l-ewwel darba f'Ġunju 2016, li tippermetti l-espulsjoni sommarja mill-pulizija ta' kull min jaqsa il-fruntiera b'mod irregolari u jkun ġie detenut fit-territorju Ungeriż f'distanza ta' mhux aktar minn 8 kilometri mill-fruntiera, li sussegwentement ġiet estiża għat-territorju kollu tal-Ungerija, u d-digriet 191/2015 li jiddeżinja lis-Serbja bħala "pajjiż terz sikur" u b'hekk jippermetti l-push-backs fil-fruntiera tal-Ungerija mas-Serbja. Il-Kumitat innota bi tħassib ir-rapporti li l-push-backs ġew applikati b'mod indiskriminat u li l-persuni suġġetti għal din il-miżura għandhom opportunità limitata ħafna biex jissottomettu applikazzjoni għal asil jew dritt ta' appell. Innota wkoll, bi tħassib, rapporti ta' espulsjonijiet kollettivi u vjolenti, inklużi allegazzjonijiet ta' swat qawwi, attacki mill-klieb tal-pulizija u sparar bil-bala tal-lasktu, li wasslu għal ferimenti serji u, mill-inqas f'każ wieħed, fit-telf tal-ħajja ta' persuna li kienet qed tfitx asil. Kien imħasseb ukoll dwar rapporti li l-valutazzjoni tal-età tat-tfal li jfittxu asil u tal-minorenni mhux akkumpanjati mwettqa fiż-żoni ta' tranżitu mhijiex adegwata u tiddependi ħafna fuq l-eżami viżiv minn esperti u mhix preċiża, u dwar rapporti li jalliegaw in-nuqqas ta' aċċess adegwat minn dawn il-persuni li jfittxu asil għall-edukazzjoni, għas-servizzi soċjali u psikoloġiċi u għall-għajjuna legali. Skont il-proposta l-ġdida għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE, il-valutazzjoni medika tal-età medika se tkun miżura tal-aħħar għażla.

Id-drittijiet ekonomiċi u soċjali

- (73) Fil-15 ta' Frar 2012 u l-11 ta' Diċembru 2012, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għal abitazzjoni xierqa stiednu lill-Ungerija terġa' tikkunsidra l-leġiżlazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet lokali jippenalizzaw il-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u tirrispetta d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li ddekriminalizzat il-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar. Fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu fl-Ungerija, li ġie ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa indika t-tħassib tiegħu dwar miżuri meħuda biex jipprojbixxu l-irqad fit-toroq u l-konstruzzjoni ta' gribeċ, li ġew deskritti b'mod wiesa' bħala l-kriminalizzazzjoni tal-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar fil-prattika. Il-Kummissarju ħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jinvestigaw il-każijiet irrapportati ta' evizzjonijiet furzati mingħajr soluzzjonijiet alternattivi u ta' tfal meħuda minn mal-familji tagħhom għal raġunijiet ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena. Fl-osservazzjonijiet konklużivi tiegħu tal-5 ta' April 2018, il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima tħassib dwar il-leġiżlazzjoni tal-istat u lokali, ibbażata fuq ir-Raba' Emenda għal-Liġi Fundamentali, li tiddeżinja l-projbizzjoni tal-irqad barra f'ħafna żoni pubbliċi, u għaldaqstant fir-realtà tikkastiga l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar. Fl-20 ta' Ġunju 2018, il-Parlament Ungeriż adotta s-Seba' emenda għal-liġi Fundamentali li tipprojbixxi r-residenza abitwali fi spazju pubbliku. Fl-istess jum, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar abitazzjoni xierqa ddikjarat li l-mossa tal-Ungerija biex tikkriminalizza l-kundizzjoni ta'

persuni bla dar kienet krudili u inkompatibbli mad-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

- (74) Il-Konklużjonijiet tal-2017 tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjaraw li l-Ungerija mhix konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għar-raġuni li dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema domestiċi, kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema, mhumiex protetti mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li l-miżuri meħuda biex inaqqsu l-mortalità materna ma kinux biżżejjed, li l-ammont minimu tal-pensjoni tax-xjuħija huwa inadegwat, li l-ammont minimu tal-benefiċċji għall-persuni li qed ifittxu impjieg huwa inadegwat, li l-perjodu massimu ta' ħlas tal-benefiċċji lill-persuni li qed ifittxu impjieg huwa qasir wisq u li l-ammont minimu ta' benefiċċji għar-riabilitazzjoni u l-invalidità, f'ċerti każijiet, huwa inadegwat. Il-Kumitat ikkonkluda wkoll li l-Ungerija mhijiex konformi mal-Karta Soċjali Ewropea għax il-livell ta' assistenza soċjali mħallas lil persuna waħedha mingħajr riżorsi, inklużi l-persuni anzjani, mhuwiex adegwat, l-aċċess ugwali għas-servizzi soċjali mhux garantit għaċ-ċittadini residenti legalment tal-Istati Parti kollha u għax ma ġiex stabbilit li hemm provvista adegwata ta' abitazzjoni għall-familji vulnerabbli. Fir-rigward tad-drittijiet tat-trade unions, il-Kumitat iddikjara li d-dritt tal-ħaddiema għal-liv imħallas mhuwiex iggarantit biżżejjed, li ma ttieħdet l-ebda miżura ta' promozzjoni favur il-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi, waqt li l-protezzjoni tal-ħaddiema bi ftehimiet kollettivi tali hija dgħajfa fl-Ungerija, u li fis-servizz pubbliku d-dritt li wieħed isejjaħ strajk huwa riżervat għat-trade unions li huma parti mill-ftehim konkluż mal-Gvern; il-kriterji wżati biex jiġu ddefiniti l-impjegati pubbliċi li huma mċaħħda mid-dritt tal-istrajk imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta; it-trade unions tas-servizz pubbliku jistgħu jsejħu strajk biss jekk tapprovah il-maġġoranza tal-persunal ikkonċernat.
- (75) L-istrajkijiet fl-Ungerija kienu magħmula illegali fil-prinċipju, sa minn Diċembru 2010, meta l-gvern ta' Victor Orban għadda emenda għall-hekk imsejjaħ Att dwar l-istrajkijiet. It-tibdil ifisser li l-istrajkijiet, fil-prinċipju, se jkunu permessi f'kumpaniji assoċjati mal-amministrazzjoni tal-gvern permezz tal-kuntratti tas-servizz pubbliku. L-emenda ma tapplikax għal gruppi professjonali li sempliċement m'għandhomx dritt tali, bħas-sewwieqa tal-ferroviji, l-uffiċjali tal-pulizija, persunal mediku u l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Il-problema qiegħda band'oħra, prinċipalment fil-perċentwal tal-impjegati li jeħtiġilhom jieħdu sehem fir-referendum tal-istrajk, biex isir importanti – sa 70 %. Imbagħad id-deċiżjoni dwar il-legalità tal-istrajk se tittieħed minn tribunal industrijali li huwa kompletament sottomess għall-istat. Fl-2011, ġew ippreżentati disa' applikazzjonijiet għal permessi ta' strajkijiet. F'seba' każijiet, dawn l-applikazzjonijiet ġew miċħuda mingħajr raġuni; tnejn minnhom ġew ipproċessati, iżda kien impossibbli li tinħareġ deċiżjoni.
- (76) Ir-rapport tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar "Concluding observations on the combined third, fourth and fifth periodic reports of Hungary" (Osservazzjonijiet konklużivi dwar it-tielet, ir-raba' u l-ħames rapporti perjodiċi kombinati tal-Ungerija), ippublikat fl-14 ta' Ottubru 2104, esprima tħassib rigward għadd dejjem jiżdied ta' każijiet fejn it-tfal qed jittieħdu mill-familja tagħhom minħabba kundizzjoni soċjoekonomika ħażina. Il-ġenituri jistgħu jitilfu t-tifel jew tifla tagħhom minħabba l-qgħad, nuqqas ta' abitazzjoni soċjali, u nuqqas ta' spazju fl-istituzzjonijiet ta' abitazzjoni temporanja. Abbażi ta' studju miċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom, din il-prattika tolqot b'mod sproporzjonat lill-familji u t-tfal Rom.
- (77) Fir-Rakkomandazzjoni tagħha tat-23 ta' Mejju 2018 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-Ungerija 2018 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija 2018, il-Kummissjoni indikat li l-proporzjon ta' persuni f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali fl-2016 naqas għal 26,3 %, iżda xorta għadu oġġla mill-medja tal-Unjoni; it-tfal b'mod ġenerali huma iktar esposti għall-faqar minn gruppi ta' età oħrajn. Il-livell ta' benefiċċji tal-introjt minimu huwa anqas minn 50 % tas-soll tal-faqar għal unità domestika b'membru wieħed, li jagħmlu fost l-iktar baxx fl-Unjoni. L-adekwatezza tal-benefiċċji tal-qgħad hija baxxa ħafna: id-durata massima ta' 3 xhur hija l-iqsar waħda fl-Unjoni u tirrappreżenta biss madwar kwart tal-ħin medju meħtieġ biex persuna ssib impjieg. Barra minn hekk, il-livelli ta' pagament huma fost l-iktar baxxi fl-UE. Il-Kummissjoni rrakkomandat li l-adekwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u l-benefiċċji tal-qgħad jitlejbu.

(78) Fi [...] 2018, il-Kunsill sema' lill-Ungerija skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE.

(79) Għal dawk ir-raġunijiet, għandu jiġi determinat, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, li jeżisti riskju ċar ta' ksur serju, min-naħa tal-Ungerija, tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Jeżisti riskju ċar ta' ksur serju min-naħa tal-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-Kunsill jirrakkomanda li l-Ungerija tieħu l-azzjonijiet li ġejjin fi żmien tliet xhur minn notifika ta' din id-Deċiżjoni: [...]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...] jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*